# Elementi Mużikali fin-Nadur

## Minn Grazio A. Grech

Din is-sena jaħbat għeluq il-50 sena mindu twaqqfet fin-Nadur il-Banda Mnarja, imma jaħbat ukoll għeluq il-180 sena mit-twelid tas-surmast Malti Francesco Decesare, li madwar 125 sena ilu, waqqaf ukoll fin-Nadur, il-Banda Calypso. Għalhekk, xieraq, li f'din il-kontribuzzjoni, nagħti ħjiel ta' elementi bandistiċi fin-Nadur, kif ukoll ħarsa lejn il-banda 'Calypso', it-tielet għaqda mużikali mwaqqfa f'Għawdex.

**Tnabar, Fifra u Banda**

Insibu li sa mill-1789, fil-purċissjoni ta' San Pietru u San Pawl, kienu jieħdu sehem xi daqqaqa tal-banda, bħal dawk taċ-ċimblu, tat-tonborlin, tat-tnabar u tal-fifra u strumenti oħra. Insibu wkoll, li anke ġieli ħadet sehem *'banda'* jew *'suonatori di banda'*.

Fl-1826, nafu li barra dak li kien idoqq it-tanbur, ħadet ukoll sehem *'banda', per la banda e tamburro*. Fl-1838, insibu li *'banda'* akkumpanjat il-purċissjoni *'alla banda per aver accompagnato la processione'*, li tas-servizz li tat tħallset skut. Fis-sena ta' wara, 1839, u fis-snin ta' wara, il-*'banda'* saret daqqaqa tal-banda, *'suonatori di banda'*, u wkoll tħallsu skut tas-servizzi li kienu jagħmlu. Dan juri li d-daqqaqa tal-banda kienu ftit wisq. Dan jidher ċar ukoll meta mqabbel mal-ħlas tas-servizz li kien ta' daqqaq tat-tromba barrani, *'pagati ad un suonatore forastiero della tromba'*, meta ta' servizz li ta fl-1839, tħallas żewġ skuti u sitt tarì. Fis-snin 1839, 1840, 1847 u 1848, tħallas skut kull sena, lid-daqqaqa tal-banda, *'a suomatori della banda'*. Fis-sena 1854, tħallset is-somma ta' tmien skuti u ħames tarì għall-kompożizzjoni tal-banda, *'per conponimento della banda'*.



**Silta Mir-reġistru tal-Eżitu tal-festa 1826**

Fis-snin 1863 u 1864, tħallas tas-sehem tal-banda l-Kanonku Dun Ġorġ Mercieca, Maestro di Cappella mir-Rabat, Għawdex. Fl-1865, l-istess Kanonku Mercieca, għall-kompożizzjoni tal-banda, *'...per componimento della banda'*, tħallsu 20 skut. Ta' min jgħid li l-Kanonku Dun Ġorġ Mercieca, ma kellu ebda għaqda mużikali. Nafu storikament, iżda, li f'dik il-era, fir-Rabat ta' Għawdex, kellna l-baned ta' Ġorġ Tabone (il-Binu) u dik ta' Dirjanu Lanzon.

Iżda mkien ma sibna li dawn id-daqqaqa tal-banda kienu f'xi forma ta' soċjetà mużikali jew filarmonika, jew li kienu jiffurmaw parti minn xi soċjetà mużikali jew filarmonika, jew li dawn id-daqqaqa kellhom xi konnessjoni ma' xi għaqda mużikali jew filarmonika oħra Għawdxija. Anzi, dejjem sibna mniżżel; jew daqqaqa taċ-ċimblu *'per i carreggio del cimbalo'*, tat-tamborlin *'per il tamborlino'*, tat-tnabar u tal-fifra, *'per tamburro e fifara'*, *'banda'* u daqqaqa tal-banda *'pagato a suonatori della banda'*.



**Silta mir-Reġistru tal-Eżitu tal-festa 1854**

Nafu iżda, li anki fl-irħula t'Għawdex, kienu jeżistu gruppi żgħar ta' daqqaqa tal-banda, u dawn, matul il-ġranet tal-Milied, kienu jmorru jdoqqu fir-Rabat t'Għawdex.

**Elementi oħra mużikali**

Miċ-ċensiment li sar f'Mejju 1871, nafu li fin-Nadur kien hemm residenti mużiċist jew kantant professjonali li l-eta' tiegħu kienet tvarja bejn is-60 u l-65 sena. Madankollu, mir-reġistru tal-eżitu tal-festa tal-Madonna ta' Loretu tas-snin 1851 u 1856, nafu li xi kantanti jew saċerdoti min-Nadur, flimkien ma' oħrajn mir-Rabat ta' Għawdex, ħadu sehem fil-festa titulari ta' Għajnsielem.

Minkejja li l-Banda Calypso kienet żarmat, l-element mużikali fin-Nadur kompla matul is-snin. Sehem kbir kien tal-eks Arċipriet, Dun Anton Camilleri, bit-twaqqif tal-i*'Schola Cantorum'* fin-Nadur. Insibu wkoll kantant baxx min-Nadur, jieħu sehem fl-1913 fil-festa ta' Santa Marija, u fl-1911 u l-1913 jieħu sehem ukoll fil-festa titulari ta' Għajnsielem. Fis-sena 1919, Ġużeppi Spiteri, f'isem il-kumitat tal-festa esterna tan-Nadur, xtara palk tal-banda mingħand is-Soċjetà mużikali Leone għall-prezz ta' Lm15.50. Dan il-palk għadu jintrama sal-lum, iżda ġie dekorat aktar.

Għall-aħħar tas-snin għoxrin, fost it-tfal li kien hemm fid-Dar ta' San Ġużepp f'Għajnsielem, ingħata bidu sabiex titwaqqaf banda. Dak iż-żmien, ma' dawk it-tfal kien hemm Pietru Camilleri (tal-Pastull) u Kristinu Stellini min-Nadur. Dawn kienu tħarrġu fil-mużika u kienu wkoll idoqqu mal-banda li kienet twaqqfet f'dan l-Istitut. Iżda, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, jiġifieri għall-aħħar tas-snin erbgħin, kien sar attentat sabiex fin-

Nadur titwaqqaf orkestra tal-knejjes taħt it-tmexxija tas-Surmast Giuseppe Giardini Vella. Din l-orkestra ma mmaturatx għax il-membri tagħha, f'perijodu qasir ta' żmien, għaddew minn taqlib ta' surmastrijiet, tant li wara Mro G. Giardini Vella, kien ħadha f'idejh Anton Mejlak u warajh, is-surmast Ġanni Vella. Madankollu nafu li żewġ bandisti minn din l-orkestra, Anton Falzon u Joe Debono, kienu jingħaqdu mal-orkestra ta' Mro Giardini Vella, meta din kienet tieħu sehem fil-festa tal-Imnarja.



**Mons. Kan. Dun Martin Portelli**

Fit-tieni nofs tas-snin sittin tas-seklu li għadda, il-Kanonku Dun Martin Portelli, qassis Naduri, inħatar *Maestro di Cappella* tal-Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur, u mill-bidu tas-snin sebgħin, beda jieħu sehem bl-orkestra tiegħu fil-festi f'Għawdex. Huwa għamel żmien *Maestro di Cappella* fil-Katidral ta' Għawdex. Mons. Portelli ma baqax jieħu sehem bl-orkestra fil-festi fil-bidu tas-sena 2000. Wara li rtira Mons. Dun Martin Portelli minn *Maestro di Cappella* tal-Bażilika tan-Nadur, postu ħadu l-Kanonku Dun Ġużepp Grech, qassis ieħor Naduri, waqt li meta rtira mill-kariga li kellu fil-Katidral, f'nofs is-snin disgħin, postu ħadu Mro Colin Attard. Mons. Dun Martin Portelli, li kien ukoll kompożitur, miet f'April tal-2017, fl-età ta' 87 sena.

F'Marzu 2014, flok il-Kanonku Grech, inħatar bħala *Maestro di Cappella* tal-Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur Mro Antoine Theuma, Naduri ieħor. Is-Surmast Theuma huwa għalliem tal-mużika u wkoll assistent-direttur tal-banda Mnarja.

Diġà rajna li fl-irħula ta' Għawdex kienu jeżistu gruppi żgħar ta' daqqaqa li kienu jmorru jdoqqu fir-Rabat t'Għawdex. Nafu wkoll, li, bħall-Orkestra tad-Dudi, li kienet twaqqfet fil-ħara ta' Santa Luċija, illlum limiti Ta' Kerċem, fir-Rabat kienu jeżistu gruppi żgħar ta' daqqaqa jew bandisti li kienu jmorru jdoqqu wara l-bieb ta' meta jilħaq xi qasis, nutar, avukat, tabib, jew inkella f'xi festa, fosthom fil-Milied u l-ewwel tas-sena. L-eżistenza ta' dan it-tip ta' grupp ta' daqqaqa li kien magħruf bħala, '*banda ta' wara l-bibien*', hu ddokumentat fl-att tan-Nutar Onorato Ġ. Refalo tal-11 ta' Jannar 1881. Nafu wkoll, li matul il-medda tas-snin, grupp ta' bandisti kemm mill-banda Leone, kemm mill-banda La Stella, kienu jmorru jdoqqu wara l-bibien meta kien jilħaq xi professjonist, qassis jew inkella meta jilħaq xi għalliem. Dan kienu jagħmluh biex idabbru xi ħaġa tal-flus żejda għall-familja. Iżda, dawn il-'*baned ta' wara l-bibien*', fil-Belt Victoria, inqatgħu fil-bidu tas-snin sittin, waqt li l-Orkestra tad-Dudi, li kienet twaqqfet fis-seklu sbatax, spiċċa ukoll għall-aħħar tas-snin għoxrin tas-seklu li għadda.


52.

Parole aggiunte (1) ad eccezzion di ciò che si guadagna da dietro le porte che si dividerà a piacere dei suonatori.
A. Bataggiar
P. Attard
M. Scerri

le porte da questa gli spetta una sola porzione.
Ventesimo quinto, che il dividendo si farà il dì primo Gennaro d'ogni anno.
Ventesimo sesto, che questa società deve durare per otto anni principiati primo del corrente mese di Gennaro [illegible] fino il trentuno dicembre dell'anno Milleottocentottantotto.
Ventesimo settimo, che la detta banda musicale debba portare il nome di "La Stella Vincitrice".

**Silta mill-att tan-Nutar O. G. Refalo datat 11/1/1881**

Mat-tmiem tal-'*baned ta' wara l-bibien*', f'Għawdex feġġew ġeneri oħra fil-qasam mużikali. Kienu bdew jitwaqqfu kumplessi żgħar sabiex jakkumpanjaw diversi kantanti waqt is-serati. Fost dawn insibu, *Saliba Jazz Band, Joe Vella and His Band* u *Alessju and His Band.* Bdew jitwaqqfu wkoll il-*beat group* f'Għawdex. Fil-fatt feġġew il-*beat groups*, *The Joy Boys*, *Gemimi 5* li wara sar *The Tramps*, id-*Doolies*, *The Springs*, *The Hades*, *The Cobwebs, The Dolmens, Spectrum* u oħrajn.

F'dan il-qasam in-Nadur ma baqax lura. Tant li għall-aħħar tas-sena 1969, insibu jitwaqqaf fin-Nadur il-*beat group*, *The Greese*. Dan il-grupp kien kompost minn, Anthony Sultana, Charles Cutajar, Christopher Camilleri, u Mike Portelli. Fil-fatt dan il-grupp kien ħa sehem fin-Nadur Song Festival li sar fis-sala tal-każin tal-Banda'Mnarja fl-1970. In-Nadur Song Festival hu mezz ieħor fit-tixrid tal-arti mużikali f'Għawdex.


NEWS — Wednesday, October 7, 1970 7

**Entertainment Page** edited by A. Anastasi

**THE GEESE — promising Gozitan guitar group**

THE greatest setback which Gozitan guitar groups meet is the lack of engagements. Which, of course, is a real pity as modern equipment costs quite a lot of money and without money from engagements one just can't keep a group going. That is the opinion of Anthony Sultana, leader of the newly-formed Gozitan group, The Geese.

The Geese is based in Nadur. Anthony plays the rhythm guitar, Christopher Camilleri plays the bass, Charles Cutajar plays the drums and Mike Portelli plays lead guitar.

The group is just 12 months old. The Geese made its debut at the Nadur Band Club and since then it appeared all over the Sister Island.

All four members of the group are dedicated to their music and their ambition is to make The Geese one of the best groups in Malta and Gozo.

Dan il-*beat group* kien waqaf jagħti is-servizzi tiegħu fl-1973, iżda, ġie segwit minn twaqqif ta' diversi gruppi oħra simili fin-Nadur. Fost dawn insibu l-*beat groups*; *The Rubber Soul, Action, The Spider Trash Band, The Ride On,* u *Loose Ends*. Dan l-aħħar grupp, li għadu jiffunzjona sal-lum fin-Nadur, hu ffurmat minn Charles Cutajar, Raymond Galea, Lorry Cutajar u Philip Camilleri. Dawn il-gruppi mużikali, matul il-medda tas-snin li kienu jiffunzjunaw, għamlu unur u ġieħ lil art twelidhom, in-Nadur. Għalhekk, hu xieraq li dawn il-gruppi għandhom jingħataw aktar inkoraġġiment billi jistidnuhom jieħdu sehem fl-attivitajiet fis-swali tagħhom biex iferrħu lill-poplu Naduri, bħalma għamlu kull fejn u kull meta ġew mistiedna.

Fatturi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-arti mużikali huma: it-twaqqif ta' kor ġdid, *Naduriensis*, li għamel id-debutt tiegħu f'varjetà tal-Milied li saret nhar it-23 ta' Diċembru 1970, fis-sala tal-każin tal-Banda Mnarja; it-twaqqif tal-kor *Jubilate Deo* fis-sena 1973, li ta' kull sena għadu jagħti s-sehem tiegħu fil-festi fin-Nadur, u t-twaqqif tal-grupp folkloristiku, *Imnarja,* li ta diversi wirjiet folkloristiċi.

Aspett ieħor mużikali hu dak tal-użu ta' strumenti tradizzjonali. Dan, fin-Nadur, narawh l-aktar matul il-jiem tal-karnival, meta diversi daqqaqa ta' dawn l-istrumenti jallegraw u jferrħu lill-poplu fil-ħwienet tax-xorb. Dawn id-daqqaqa jużaw strumenti bħat-tnabar, iż-żaqq, it-tanborlin, it-trepied, il-kastanjoli, il-kitarri u l-orgni tal-idejn.

**Il-Banda Calypso**

Intant, l-ewwel ħjiel li fin-Nadur kien hemm Għaqda Mużikali, insibuh imniżżel fl-istorja ta' Pietru Pawl Castagna, *'Storja ta' Malta'* Vol III, 1890, f'paġna 248, meta barra l-għaqdiet filarmoniċi tal-Belt Victoria Leone u La Stella, insibu li fin-Nadur kien hemm ukoll għaqda mużikali bl-isem ta' Calypso, li bħala surmast tagħha kellha lil Francesco Decesare. Jidher ċar li s-Sur Castagna ġab din l-informazzjoni minn rapport, datat 17 ta' April 1894, li kien għamel is-supretendent tal-Pulizija. Mro Francesco Decesare kien jieħu sehem bl-orkestra tiegħu tal-knejjes matul il-jiem tal-festa ta' San Pietru u San Pawl. Is-Surmast F. Decesare twieled fl-1837 u miet fl-1905.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| L' Unione | Chircop | 5 | » | 1 |
| S. Catorina | Zeitun | 9 | » | — |
| Beland | do. | 36 | » | 1 |
| Il Leone | Vittoria-Gozo | 22 | » | 1 |
| La Stella | do. | 19 | » | 1 |
| Calipso | Nadur | — | » | — |

Ufficio della Polizia Valletta, 17 Aprile 1894.

C. La Primaudaye

Soprintendente.

**Silta mil-gurnal Risorgimento 20/4/1894**

Aktar tagħrif dwar il-banda Calypso tan-Nadur niltaqgħu miegħu fil-ġurnal *'Risorgimento'* tal-24 ta' April 1894 - jidher li dan l-avviż ġie meħud minn ġurnal ieħor ta' dak iż-żmien, *'Il Portafoglio Maltese'* tal-ġurnata ta' qabel - jgħarrafna li l-banda Calypso kienet komposta minn disgħa u għoxrin bandist, *'...Al Nadur del Gozo è stato formato un Istituto Musicale sotto la denominazione di Istituto Musicale Calypso. Ad esso appartengono finora ventinove dilettanti, tutti giovani di belle speranze sotto l'abile direzione del Signor F. Decesare.'*

L-avviż tar *Risorgimento*, jgħarrafna wkoll li mhux il-bandisti kollha setgħu jixtru l-istrumenti tagħhom *'...non potendo certamente tutti i dilettanti fare la spesa dello stromento ed anche per il mantenimento della scuola, base dell'Istituto'*, waqt li permezz ta' din il-għaqda mużikali l-bandisti setgħu jaqilgħu xi ħaġa tal-flus għall-għajxien tagħhom, *'...in quantocche' in breve tempo saranno in grado di guadagnarsi onoratamente il pane come provetti musiciti'*.

*Togliamo* dal *Portafoglio*:

Al Nadur del Gozo è stato formato uno Istituto Musicale sotto la denominazione di *Istituto Musicale Calypso.* Ad esso appartengono finora ventinove dilettanti, tutti giovani di belle speranze sotto l' abile direzione del Signor F. De Cesare. Si spera che al Comitato sarà accordata una Tombola perchè si provveda l' Istituto degli strumenti musicali occorrenti non potendo certamente tutti i dilettanti fare la spesa dello strumento ed anche per il mantenimento della scuola, base dell' istituto. In questo modo l' avvenire di tanti dilettanti sarà assicurato in quantocchè in breve tempo saranno in grado di guadagnarsi onoratamente il pane come provetti musicisti.

Avremo occasione. di parlare di questo Istituto prossimamente.

**Silta mill-ġurnal Risorgimento 24/4/1894**

Għalhekk kien sar appell sabiex il-gvern jagħtiha permess sabiex tagħmel tombla biex tkopri l-ispejjeż bħalma kien isir f'dawk iż-żminijiet. Iżda l-għoti ta' dawn il-konċessjonijiet għat-tombli kienu marbuta ma' diversi kundizzjonijiet, fosthom l-esekuzzjoni ta' programmi mużikali li kienu jagħmluil-baned. Dan joħroġ ċar mir-rapport li s-Surpretindent tal-Pulizija, C. La Primaudaye ippreżenta nhar is-17 ta' April 1894, li fih jagħti rendikont tal-programmi u l-ammont ta' konċessjonijiet ta' tombli li kienu saru bejn il-perijodu ta' mill-ewwel ta' Jannar 1893 u l-31 ta' Marzu 1894. F'dan ir-rapport, fejn jirrigwardja lill-Għawdex, insibu mniżżla l-ewwel fil-lista lill-Banda Leone, u fit-tieni post insibu lilll-Banda La Stella. Il-Banda Leone kif ukoll ilbBanda La Stella kienu ngħataw konċessjoni ta' tombla kull soċjetà, u kienu daqqew matul il-perijodu indikat, 22 u 19-il programm rispettivament.

Il-Banda Calypso tan-Nadur hi indikata fit-tielet post u ma hemmx indikat li daqqet programmi u għalhekk ma kienet ingħatat l-ebda konċessjoni biex tagħmel tombla bejn il-perijodu msemmi.

Kif diġà indikajt li mhux il-bandisti kollha setgħu jixtru l-istrumenti. Għal din ir-raġuni, il-mexxejja tal-Banda Calypso irrikorrew għal self ta' flus sabiex dan seta' jseħħ. Dan joħroġ ċar mid-diversi kawżi li għamel il-pizatur u negozjant min-Nadur, is-Sur Salv Vella, lil diversi individwi li kellhom x'jaqsmu mal-Banda Calypso.

Minn dokumenti mehmuża mal-proċessi ta' dawn il-kawżi speċjalment ma' dawk li l-piżatur Salv Vella ffajlja kontra s-Sur Ġużepp Sammut, nafu li għadd ta' persuni kienu wegħdu li jħallsu u oħrajn kienu daħlu garanti sabiex iħallsu ammont ta' flus kull xahar għal dawn l-istrumenti. Mil-lista datata 4 ta' Ottubru 1894, nisiltu lil Ġużepp Falzon, Salvu Vella (it-Testus), Ġużepp Sammut (ta' Żbalju), Ġorġ Portelli (ta' Ġnejnu), Salvu Borg, Andrea Muscat (ta' Popla), Franġisk Camilleri, Franġisk Cauchi, Salvu Cauchi, Damjan Vella, Anton Vella, Ġanni Camilleri, Ġużepp Micallef deher għal Mikiel Borg, Ġużepp Vella, Kurunat Attar, u Pawlu Bonnici. Hemm ukoll oħrajn li jġibu l-kunjom ta' Buttigieg, Bartolo u Caruana.

Minn dokument ieħor li jġib id-data tat-30 ta' Ottubru 1894, se nislet biss lil Pawlu Bonnici, Lucio Vella, Falzon (tax-Xirmi), Zammit (tat-Testus), Sultana (ta' Karmnu il-ġendarm), Camilleri (ta' Bertu), Caruana (ta' Luzu), Borg (ta' Caruana), Muscat (tal-Popla), Vella (tal-Caccia), Vella (ta' Galizija), Camilleri (ta' Finda) u lil Bewġer. Dawn flimkien ma' oħrajn kienu ntrabtu li jħallsu ammont ta' flus kull xahar, b'lanqas pagament ma jkunx anqas minn xelin (5ċ). Fil-fatt mil-lista jidher li kien hemm min aċċetta li jħallas anki żewġ xelini (10ċ).


(ESTABLISHED 1855)
MUSICAL INSTRUMENTS MAKERS
JOHN VECCHIO

**L-Ordni tal-istrumenti datata 30 ta' Awwissu 1894**

Dokunent ieħor li jinsab mehmuż ma' dawn il-proċessi jindika l-istrumenti li kienu ġew ordnati mis-Sur Salvu Vella nhar it-30 ta' Awwissu 1894, għand l-istabbiliment tas-Sur John Vecchio ta' 112, Triq l-Isqof, tal-Belt Valletta, Malta. Kienu ġew ordnati 14-il strument għal prezz ta' £34 7s 10d. L-istrumenti li kienu ġew ordnati u l-prezzijiet tagħhom kienu dawn: ottavin bi prezz ta' £0 13s; terzin bi prezz ta' £1 1s; kwartin Mib għal prezz ta' £2 13s; ħames klarinetti Sib għal prezz ta' £13 4s 2d; kurunetta għal prezz ta' £2 3s; Saxhorn Mib bi prezz ta' £2 6s 8d; Barytono Sib bi prezz ta' £2 15s; ewfonju Sib għal prezz ta' £3 14s; trumbun Sib għal prezz ta' £2 9s u bumbardun Mib għal prezz ta' £4 9s.

Fost il-kawżi li għamel il-piżatur Salv Vella b'konnessjoni mal-ħlas tal-istrumenti tal-Banda Calypso insibu mhux biss dawk kontra Ġużeppi Sammut, imma wkoll kontra l-Avukat Ġużeppi Bartolo u d-Djaknu Kanonku Anton Camilleri. Kawżi oħra huma kontra, Salv Cauchi, Franġisk Camilleri u Ġużeppi Camilleri, Damjan Vella, Franġisk Cauchi, Pawlu u Ġużeppi Buttigieg, Lorenzo u Giovanni Camilleri, Lucio Vella u Dun Ġużeppi Haber. Dawn kollha kienu obbligati sabiex iħallsu l-ħlas dovut lill-piżatur, Salv Vella. D. J. Debono fl-artiklu tiegħu *'Il-Banda Calypso fin-Nadu'* jgħarrafna li l-Avukat Ġużeppi Bartolo kien jokkupa l-kariga ta' President, waqt li Dun Anton Camilleri, li aktar tard sar Arċipriet, jidher li kien il-fundatur ta' din il-banda.



**Lista ta' dawk li kellhom iħallsu l-miżata kull xahar**

Jidher, mela, li lejn l-aħħar ta' Awwissu u Ottubru 1894, kien hemm xi diżgwid dwar il-fondi u dan kien urta lis-Sur Salv Vella, tant li minkejja li kien hemm min kien lest li jintrabat u jħallas bin-nifs, xorta waħda is-Sur S. Vell, kompla għaddej bil-proċeduri legali sabiex jiġbor il-flus dovuti lilu. Jidher li kien biss fil-kawża li kien għamel kontra l-Avukat Ġużeppi Bartolo u d-Djaknu Kanonku Anton Camilleri, li l-kawża, għal xi raġuni, ġiet ċeduta nhar il-31 ta' Jannar 1896. L-ammont ta' flus involut f'din il-kawża kien ta' Lm4.45ċ li kien il-ħlas ta' bumbardun. Jidher ukoll li l-kawżi l-oħra kollha ġew transatti.

Iżda l-Banda Calypso ma tantx kellha ħajja twila. Dan għax imkien, fir-riċerki tiegħi fil-ġurnali u fil-kotba tal-eżitu, ma ltqajt li għamlet xi servizzi jew li wettqet xi programm fil-pubbliku. Lanqas ma ltqajt fejn marru l-istrumenti li kienu nxtraw.

**Twaqqif tal-Banda Mnarja**

Fis-sena 1967, kien sar attentat ieħor sabiex fir-raħal tan-Nadur titwaqqaf għaqda mużikali formali. Din il-għaqda twaqqfet u ħadet l-isem ta' Għaqda Mużikali Mnarja. Bosta kienu dawk li għenu sabiex titwaqqaf din il-banda, iżda fost dawn ta' min isemmi lill-mejjet Mons. Kan. Dun Martin Portelli, il-Kanonku Dun Ġużepp Grech, u lill- mejjet Mr. Anton Bonnici. Dan tal-aħħar, aktar tard, kien inħatar l-ewwel Surmast Direttur ta' din il-banda. Kemm Mons. Dun M. Portelli u l-Kanonku Dun Ġużepp Grech, kif ukoll Mr. Anton Bonnici, taw sehem importanti fit-tagħlim tal-mużika lill-aljievi ta' din il-Banda. Illum, is-surmast direttur tal-Banda Mnarja huwa Mro Joseph Grech, li issa ilu jmexxi din il-għaqda filarmonika f'din il-kariga uffiċjali għal dawn l-aħħar 25 sena. Tajjeb li nsemmi li matul il-medda tas-snin li issa ilha wieqfa l-Banda Mnarja tat is-sehem kulturali tagħha mhux biss fil-festi ċċelebrati fin-Nadur, imma wkoll f'festi oħra f'Għawdex, f'Malta u anki barra minn xtutna.



**Il-Banda Mnarja**

Nagħlaq din il-kontribuzzjoni żgħira billi ngħid li f'dan l-artiklu ma għamilt l-ebda aċċenn għas-sehem tal-Mużika tal-knejjes li kienet tieħu sehem fil-festi fin-Nadur u lanqas ma għamilt aċċenn għas-sehem tad-diversi baned Għawdxin, Maltin, u anki tar-Riġmenti Ingliżi li kienu jkunu f'Għawdex, li matul il-medda tas-snin kienu wkoll jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fil-festi ċċelebrati fir-raħal tan-Nadur. Dan qed ngħidu biex ma jkunx hemm min jiddubita li l-festi fin-Nadur ma kinux isiru b'mod l-aktar sollenni bħalma jsiru 'i rħula u bliet oħra fil-gżejjer Maltin.

Madankollu, l-artikli tiegħi: *'Baned Maltin li ħadu sehem fil-festa ta' San Pietru u San Pawl 1883-1993'*, ippubblikat fir-rivista *'Luminaria'*, Nru 33, Ġunju, 1993; l-artiklu dwar, *'Il-Banda Mnarja tan-Nadur'*, ippubblikat fil-ktieb ta' tifkira, *Il-Banda Mnarja 1967-1994*, li kienet ippubblikat ftit tas-snin ilu mill-Għaqda Mużikal Mnarja; u ż-żewġ artikli, wieħed bl-isem ta', *Is-Sehem tal-Banda fil-Festa Titulari ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur*, u l-ieħor bl-isem ta', *Is-Sehem tal-Mużika fil-festa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur*, ippubblikati fir-rivista, *L-Imnarja*, 2013 u 2014 rispettivament, huma xhieda mill-aktar ħajja, u jipprovaw u jikkonfermaw, l-elementi mużikali fin-Nadur.

Għal aktar tagħrif tal-istess awtur ara:

- *Mill-istorja Mużikali ta' Għawdex* (1998).
- *14-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin* (2002).
- *Mużiċisti, Kompożituri Għawdxin, Maltin u Barranin* (2006).

Nota dwar il-flus imsemmija:
20 gran (ħabba) =1 tarì (irbiegħi); 12-il tarì = £ 1; 20 xelin = £1; £1= 240 sold (240d) £1 = €2.33; 1 skut = €0.194; 1s (xelin jew 12-il sold) = €0.116.

© Grazio A. Grech, 2017

